# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 22 ta' April, 2024.

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 30/2023 ISB**

**Remy Said (k.i. 391874M)**

**Vs**

**Said International Limited (C2680) u b'digriet tal-24 ta' Mejju 2023 Daniela Said K.I. 194869M ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawza *ai termini* tal-Art. 960 tal-KAP 12 u b'digriet tas-17 ta' Awwissu 2023 Sacha Said ġie awtorizzata tintervjeni fil-kawża in statu et terminis**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** ta' Remy Said**,** intavolat fl-24 ta' April 2023, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara illi n-negozju tas-soċjeta' intimata ilu sospiż bla waqfien għal perjodu itwal minn erbgħa u għoxrin xahar a tenur tal-Artikolu 214(2)(a)(i) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Tiddikjara illi jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tas-soċjeta` intimata a tenur tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta;*
3. *Tordna x-xoljiment u l-konsegwenzjali stralċ tas-soċjeta` intimata Said International Limited (C-2680) ai termini tas-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 214 u s-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-artikolu 214 tal-Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta, u skond id-disposizzjonijiet tas-Sub-Titolu I tat-Titolu II tat-Taqsima V tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta);*
4. *Taħtar stralċjarju sabiex jieħu f'idejh il-proċess ta' stralċ tal-kumpannija rikorrenti skont il-liġi;*
5. *Tordna li l-proprjeta' msemmija li tinsab ġewwa Strada Zakkarija fil-Belt Valletta, akkwistata fis-sena elfejn u tmienja (2008), u li tifforma parti mill-assi tas-soċjeta' intimata, għandha tinqasam ugwalment bejn it-tlett azzjonisti, u tordna lill-istralċjarju maħtur in segwitu għat-talba preċedenti sabiex jagħti effett għal tali ordni u jieħu l-passi u miżuri meħtieġa sabiex dan iseħħ;*
6. *Tordna n-notifika tar-rikors promotur lir-Reġistratur tal-Kumpanniji skond is-sub-artikolu 8 tal-artikolu 218 tal-Att Dwar Il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta);*
7. *Tordna li l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri, inkluż dawk tal-istralċ, għandhom jitħallsu mis-soċjeta' intimata jew altrimenti għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-ko-azzjonisti kollha;*
8. *Tagħti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun.*

U dan wara li ppremettiet:

1. *Illi s-soċjeta` intimata Said International Limited hija kostitwita bħala soċjeta` privata limitata stabbilita taħt il-liġijiet ta' Malta u reġistrata mar-Reġistratur tal-Kumpanniji fis-16 ta' Marzu 1973 bin-numru ta'*

*reġistrazzjoni C-2680 u dan kif jirriżulta mill-pubblikazzjoni relattiva li kienet saret dak iż-żmien fil-Gazzetta tal-Gvern (kopja tal-estratt relattiv tinsab hawn annessa u mmarkata bħala "Dok A"). Kopja tal-aħħar Memorandum u l-iStatut ta' Assoċjazzjoni tas-soċjeta` intimata hija wkoll hawn annessa u mmarkata bħala "Dok B";*

2. *Illi r-rikorrenti huwa ko-azzjonista u ko-direttur fis-soċjeta` intimata, u qed iressaq il-preżenti proċeduri fil-kwalita' tiegħu ta' azzjonista u dan ai termini tal-proviso għall-artikolu 218(1) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*
3. *Illi l-kapital azzjonarju attwali awtorizzat u sottoskritt tas-soċjeta` intimata huwa ta' miljun, mija u wieħed u erbgħin elf, tliet mija u tnejn u disgħin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€1,141,392.77), liema kapital huwa maqsum:*
   - *(i) F' mija tlieta u sittin elf, tliet mija tlieta u tletin (163,333) sehem ordinarju ta' valur nominali ta' tnejn punt tlieta tnejn disgħa tlieta sebgħa tlieta Ewro (€2.329373) kull sehem, magħrufa bħala ta' tip "A", sottoskritti fl-intier tagħhom da parti tal-azzjonista tagħha, Daniela Said (k.i. 194869(M));*
   - *(ii) F' mija tlieta u sittin elf, tliet mija erbgħa u tletin (163,334) sehem ordinarju ta' valur nominali ta' tnejn punt tlieta tnejn disgħa tlieta sebgħa tlieta Ewro (€2.329373) kull sehem, magħrufa bħala ta' tip "B", sottoskritti fl-intier tagħhom da parti tal-azzjonist tagħha, Sacha Said (k.i. 218070(M),*
   - *(iii) F' mija tlieta u sittin elf, tliet mija tlieta u tletin (163,333) sehem ordinarju ta' valur nominali ta' tnejn punt tlieta tnejn disgħa tlieta sebgħa tlieta Ewro (€2.329373) kull sehem, magħrufa bħala ta' tip "C", sottoskritti fl-intier tagħhom da parti tal-azzjonist tagħha, il-mittenti Remy Said (ID 391874(M));*
4. *Illi l-kapital azzjonarju awtorizzat u attwali tas-soċjeta` intimata Said international ġie sottoskritt fl-intier tiegħu mill-azzjonisti surreferiti kif jidher ukoll mill-estratt tal-Involved Parties tas-soċjeta` intimata mniżżel minn fuq is-sit elettroniku tar-Reġistru tal-Kumpanniji (kopja hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok C');*

5. *Illi l-Bord tad-Diretturi tas-soċjeta' intimata huwa llum kompost minn żewġ diretturi, ossija Sacha Said u r-rikorrenti Remy Said, li kif ingħad huma wkoll ko-azzjonisti fl-istess soċjeta';*
6. *Illi l-għan ewlieni li għalih illum tinsab kostitwita s-soċjeta' intimata skont l-aħħar Memorandum u Statut ta' Assoċjazzjoni tagħha huwa "to import, export, distribute, retail wholesale and otherwise deal in any goods, and to provide consultancy, representation and agency services in the business, industrial and commercial fields";*
7. *Illi primarjament l-esponenti jiddikjara illi in-negozju tas-soċjeta` intimata Said International Limited, ossija n-negozju ewlieni tagħha ta' retail, ġie terminat u ilu wieqaf għal dawn l-aħħar disa' (9) snin mis-sena elfejn u tlettax (2013) u mhux previst li ser ikun hemm xi forma ta' negozju fil-ġejjieni;*
8. *Illi d-deċiżjoni li jitwaqqaf dan in-negozju u jiġi terminat l-operat tas-soċjeta' intimata ittieħdet fil-fatt fis-sena elfejn u tlettax (2013) minħabba li r-relazzjoni ta' bejn l-azzjonisti u d-diretturi waslet fi stat ta' deadlock u s-sitwazzjoni tal-kumpannija staġnat;*
9. *Illi sa minn dak iż-żmien li ttieħdet id-deċiżjoni li l-kumpannija tieqaf topera, ir-rikorrenti u l-ko-azzjonista u ko-direttur tiegħu Sacha Said daħlu f'taħditiet sabiex jippruvaw jitransiġu d-diverġenzi ta' bejniethom u jaslu fi ftehim li jagħlaq il-vertenza tagħhom. Iżda minkejja li għaddew aktar minn disa' (9) snin, tali transazzjoni qatt ma ġiet finalizzata;*
10. *Illi fiċ-ċirkostanzi, jidher li l-affectio societatis neċessarju sabiex kumpannija tkun tista' topera serenament ma għadux eżistenti fi ħdan is-soċjeta' intimata, bil-konsegwenza li l-operat tagħha waqaf irrimedjabbilment mingħajr l-ebda possibilita' ta' ftehim bejn l-azzjonisti u d-diretturi, biex b'hekk lanqas ma baqa' l-ebda skop li s-soċjeta' intimata tkompli taqdi l-għanijiet tagħha;*
11. *Illi sa fejn jaf ir-rikorrenti, is-soċjeta' intimata ma għandhiex djun sostanzjali pendenti xi tħallas, stante li dawn ġew imħallsa in parti minn flus tal-kumpannija u in parti mill-ko-azzjonisti;*

12. *Illi min-naħa l-oħra, inkwantu jirrigwarda l-assi, s-soċjeta' intimata hija sid ta' proprjeta' li tinsab ġewwa Strada Zakkarija fil-Belt Valletta, akkwistata fis-sena elfejn u tmienja (2008). Din il-proprjeta' tikkonsisti minn madwar ħmistax (15) -il fond, li minnhom fond wieħed biss għadu jinsab mikri lil terzi b'kirja kummerċjali (hekk imsejħa) antika li ai termini tal-liġi għandha tiskadi fis-sena elfejn tmienja u għoxrin (2028). Il-fondi l-oħrajn kollha huma vakanti. Fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' t-talbiet kontenuti f'dan ir-rikors u tgħaddi sabiex ixxolji s-soċjeta' intimata u konsegwentement tqiegħdha fi stralċ, fl-umli opinjoni tar-rikorrenti din il-proprjeta' għandha tinqasam ugwalment bejn it-tlett azzjonisti, tenut kont pero' ta' xi ammonti li jista' jagħti l-każ għandhom jiġu kumpensati lil xi uħud mill-azzjonisti jew min minnhom fil-każ li xi azzjonist ikun ħallas parti mid-djun tal-kumpannija akbar milli ħallsu l-azzjonijisti l-oħrajn;*
13. *Illi in vista ta' din is-sitwazzjoni u ta' dak kollu suespost jidher li:*
    (a) *in-negozju tas-soċjeta' intimata ilu sospiż għal perjodu bla waqfien ta' aktar minn erbgħa u għoxrin xahar, biex b'hekk fil-fehma tar-rikorrenti jeżistu l-estremi għax-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta' intimata skond is-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 214 tal-Att Dwar Il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta); u /jew,*
    (b) *is-soċjeta` intimata ma għandha l-ebda prospett fil-futur illi terġa' tibda' topera u trendi introjtu, u lanqas ma għadu jeżisti fi ħdanha l-affectio societatis neċessarju sabiex hija topera, b'dan illi konsegwentement hemm raġunijiet gravi biżżejjed li fil-fehma tar-rikorrenti jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpannija minn dina l-Onorabbli Qorti skond is-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 214 tal-Att Dwar Il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta);*
14. *Illi finalment, tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti qiegħed jitlob ix-xoljiment u l-konsegwenzjali stralċ tas-soċjeta' intimata unikament fl-interess tas-soċjeta' intimata stess u tal-ko-azzjonijisti kollha in vista tar-raġunijiet kollha mogħtija f'dan ir-rikors, ir-rikorrenti umilment jissottometti li l-*

*ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri u kif ukoll dawk tal-eventwali stralċ, għandhom jitħallsu mis-soċjeta' intimata jew altrimenti għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-ko-azzjonisti kollha.*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (Dok A sa Dok C) (fol 7 sa fol 17).

Rat id-**digriet** tagħha tas-26 ta' April 2023 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-24 ta' Mejju 2023 fid-9:30 a.m.

Rat illi fit-22 ta' Mejju 2023, Daniela Said ippreżentat rikors sabiex tintervjeni fil-kawża, liema rikors ġie akkordat b'digriet mogħti waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju 2023.

Rat ir-Risposta tal-istess Daniela Said tat-30 ta' Mejju 2023, li stqarret hekk:

1. *Illi l-prezenti esponenti, qua ko-azzjonista, m'ghandha l-ebda oggezzjoni illi l-kumpannija intimata 'Said International Limited [C-2680]' tigi xolta u stralcjata hekk kif domandat mir-rikorrenti, inter alia, fit-tieni, fit-tielet u fir-raba talbiet tar-rikorrenti*

2. *Illi r-rikorrenti hu tenut li jadduci provi, tajbin u oggettivi, dwar l-assi kollha tal-kumpannija intimata, kemm jekk huma immobbli u kif ukoll jekk huma mobbli, inkluzi, izda mhux limitatament, depoziti bankarji u investimenti jew simili, kif ukoll prova ta' kwalunkwe djun u obbligi li jista' kellha jew ghad ghandha il-kumpanniija intimata.*

3. *Illi kwalsiasi divizjoni ta' proprjetá mobbli, inkluzi, izda mhux limitatament, depoziti bankarji u investimenti jew simili li jista' kellha jew ghandha l-kumpannija, ghandha ssir b'mod ekwu u gust u skond l-ishma u l-interessi tal-ko-azzjonisti u l-istess ghandu japplika ghal kwalsiasi djun tal-kumpannija.*

4. *Illi ghal dak li jikkoncerna l-qasma ta' l-assi mmobiljari ta' l-imsemmija kumpannija (deskritta fil-premessa §12 u fit-talba §5) ir-rikorrenti ghandu, inter alia:*

   (a) *jadduci evidenza dokumentarja dwar it-titolu ta' l-assi mmobiljari;*
   (b) *jadduci provi dwar il-valur fis-suq ta' l-istess;*
   (c) *jressaq provi jekk tali immobbli hux komodament divizibbli jew le.*

5. *Illi In kwantu jirrigwarda il-proprjetá mmobiljari (deskritta fil-premessa §12 u fit-talba §5) jekk ser jirrizulta li din ma hijiex komodament divizibbli bejn il-ko-azzjonisti, konsiderazzjoni partikolari ghandha tittiehed ghall-valur pjuttost oghli ta' l-istess immobili u li kwalsiasi eventwali bejgh ta' dan l-immobbli ghandu jsehh fis-suq liberu u mhux permezz tal-procedura tas-subbasta, stante li tali procedura taf tissarraf f'detriment serju ghall-interessi tal-ko-azzjonisti.*

6. *Illi kwalsiasi divizjoni ta' proprjetá immobiljari ohra li jaf tappartjeni lill-kumpannija ghandha ukoll ssir b'mod ekwu u gust u skond l-ishma u l-interessi tal-ko-azzjonisti u konsiderazzjoni ghandha tittiehed tal-valur u li kwalsiasi eventwali bejgh u/jew likwidazzjoni ta' tali assi – dejjem jekk jirrizulta illi mhux komodament divizibbli – ghandha sehh fis-suq liberu u mhux permezz tal-procedura tas-subbasta stante li tali procedura taf tissarraf f'detriment serju ghall-interessi tal-ko-azzjonisti.*

7. *Illi ghal dak li jirrigwarda l-ispartizzjoni ta' spejjez gudizzjarji kif rilevat fil-premessa §14 u kif domandat fit-talba §7, l-esponenti tirrivesti l-vesti ta' intervenuta u bhala tali ma tistax tigi kkundannata f'dan ir-rispett.*

8. *Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.*

Rat illi fis-7 ta' Awwissu 2023, Sacha Said ippreżentat rikors sabiex tintervjeni fil-kawża, liema rikors ġie akkordat b'digriet mogħti fis-17 ta' Awwissu 2023.

Rat ir-Risposta tal-istess Sacha Said tal-11 ta' Settembru 2023, fejn stqarret hekk:

1. *Illi l-eccipjenti bhala ko-azzjonist, m'ghandu l-ebda oggezzjoni illi s-socjeta intimata Said International Limited (C-2680) tigi xjolta u stralcjata minhabba c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 214 sub-inciz (2), (a), (i), u ghalhekk huwa jaqbel ma l-ewwel talba;*

2. *Illi jekk ir-"ragunijiet gravi" li ghalihom issir riferenza fit-tieni talba huma l-istess ragunijiet kontemplati fl-artikolu 214 sub-inciz (2), (a), (i), allura f'dak il-kaz l-eccipjenti jaqbel ukoll mat-tieni talba;*

3. *Illi t-tielet talba, sakemm bazata fuq artikolu 214 sub-inciz (5), (b), (iii), ma tistax tigi milqugha in kwantu tali disposizzjoni ma tezistix;*

4. *Illi r-rikorrenti hu tenut li jgib provi dwar l-attiv u l-passiv tas-socjeta intimata, inkluz izda mhux biss, proprjeta immobbli u mobbli, depoziti bankjari u investimenti jew simili, oltre kwlasiasi djun u/jew obbligi ohra illi jista' jkollha s-socjeta, inkluz provi tal-valuri rispettivi;*

5. *Illi qabel ma tigi effettwata kwalsiasi divizjoni ta' l-attiv tas-socjeta, ghandhom l-ewwel jithallsu d-djun tal-istess socjeta, komprizi dawk id-djun li jirrizultaw dovuti lill-istess azzjonisti, fosthom l-eccipjenti;*

6. *Illi kemm-il darba d-dejn tas-socjeta jeccedi l-attiv taghha, tali dejn ghandu jigi assunt mill-istess azzjonisti skond l-ishma rispettivi taghhom;*

7. *Illi min-naha l-ohra, jekk jifdal attiv wara illi jinqatghu id-djun, dak l-attiv rimanenti, kemm mobbli, kif ukoll immobbli, ghandu jinqasam bejn il-ko-azzjonisti b'mod ekwu u gust u skond l-ishma taghhom. B'dan illi jekk ghal xi raguni d-djun ma jigux interament saldati kif eccepit fil-paragrafi precedenti, b'mod illi xi azzjonist ikun ghadu kreditur tas-socjeta, tali dejn ghandu jigi saldat billi jittiehed in konsiderazzjoni fl-eventwali divizjoni u tqassim;*

8. *Illi kemm-il darba xi attiv tas-socjeta, senjatament proprjeta immobbiljari, ma tkunx komodament divizibbli bejn l-azzjonisti tenut kont ic-cirkostanzi kollha kif fuq eccepit, dan ghandu jinbiegh preferibbilment fis-suq liberu u mhux permezz tal-procedura tas-subbasta, u dan fl-ahjar interessi tal-istess azzjonisti;*

9. *Illi r-rikavat mill-bejgh ta' kwalsiasi attiv tas-socjeta ghandu jinqasam b'mod ekwu u gust bejn l-azzjonisti skond l-ishma rispettivi taghhom, dedotti l-ispejjez u d-djun talvolta rizultanti, inkluz krediti favur xi azzjonist;*

10. *Illi ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez gudizzjarji l-eccipjent joggezzjona illi jassumi xi parti mill-istess primarjament ghaliex huwa ghamel sforz kbir biex tigi xjolta s-socjeta intimata u jigu rizolti l-pendenzi bejn l-azzjonisti b'mod bonarju, tant illi kien qieghed jistenna risposta mir-rikorrenti, u fit-tieni lok ghaliex l-eccipjenti huwa intervenut f'din l-azzjoni u bhala tali ma jistax jigi kkundannat ibati spejjez;*

11. *Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.*

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Jannar 2024, minn fejn jirriżulta illi l-proċedura tħalliet għal-lum għall-provvediment wara illi ġie verbalizzat illi kien hemm qbil bejn il-partijiet kollha illi l-kumpanija titqiegħed fi stralċ, u għalhekk id-difensuri rispettivi qablu illi l-kawża titħalla għall-provvediment dwar it-talbiet fir-rikors promotur.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mir-rikorrenti *ai termini* tal-Artikolu **214(2)(a)(i) u/jew 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Illi ma jidhirx illi hemm wisq kontestazzjoni dwar il-fatti, u jirriżulta illi s-soċjetà intimata Said International Limited (C 2680)[1] twieldet fis-sena 1973 u llum ir-rikorrenti u ż-żewġ intervenuti fil-kawża huma azzjonisti ugwali tal-istess kumpanija. Jidher paċifiku jingħad ukoll illi l-kumpanija *de quo* għandha proprjetà immobbli, dejn għandha mill-anqas u fuq kollox ilha żmien twil hafna ma' topera kummerċjalment fil-kuntest ta' dak li għaliha ġiet kostitwita.

Jirriżulta ukoll illi bejn it-tlett soċji hemm qbil illi l-kumpanija titqiegħed fi stralċ, bil-għan illi l-istralċjarju jgħaddi biex jillikwida l-kumpanija tenut kont ukoll il-pożizzjonijiet rispettivi meħuda mit-tlett soċji fl-atti minnhom hawnhekk ppreżentati.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-**Art. 214(2)(a)(i) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**

Id-dispożizzjoni msemmija tal-KAP 386 li abbażi tagħha wkoll hija msejsa din il-proċedura huwa l-artiklu 214(2)(a)(i), li jipprovdi hekk:

> *kumpanija tista' xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin –*
>
> *(i) jekk in-negozju tal-kumpanija jkun sospiż għal perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin xahar.*

L-**Artiklu 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** mbagħad jipprovdi hekk:

> *kumpanija għandha tkun xolta bil-qorti fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(iii) il-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija;*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi jidher illi hemm *consensus* bejn is-soċji kollha fis-sens illi l-kumpanija intimata Said International Limited (C-2680)[2] ilha żmien twil ma' topera fil-kuntest illi għalih ġiet istitwita. Fil-fatt, filwaqt illi r-rikorrent igħid illi l-istatut tal-kumpanija igħid illi l-kumpannija ġiet kostitwita "*to import, export, distribute, retail wholesale and otherwise deal in any goods, and to provide consultancy representation and agency services in the business, industrial and commercial fields*", b'dana kollu jgħid illi n-negozju ewlieni tagħha ġie tterminat fis-sena 2013, u dan minħabba li r-relazzjoni bejn l-azzjonisti u d-diretturi wasslet fi stat ta' *deadlock* u l-kumpanija staġnat.

---

[1] In-numru ta' reġistrazzjoni (C2860) ġie korrett sabiex jinqara (C2680), b'digriet tal-24 ta' Mejju 2024.
[2] In-numru ta' reġistrazzjoni (C2860) ġie korrett sabiex jinqara (C2680), b'digriet tal-24 ta' Mejju 2024.

Il-Qorti tqis illi filwaqt illi l-intervenuta fil-kawża Daniela Said ma kkontradiet b'ebda mod dak li qal ir-rikorrenti, l-intervenuta fil-kawża l-oħra Sacha Said min-naħa tagħha tgħid illi hija taqbel illi l-kumpanija ilha aktar minn 24 xahar sospiża.

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tinsab sodisfatta illi r-rekwiżit mitlub mil-liġi huwa sodisfatt, b'dan illi l-Qorti ma għandiex għalfejn tiddubita illi l-kumpanija ilha aktar minn 24 xahar ma teżerċita l-kummerċ li għalih hija twaqqfet. Huwa minnu wkoll illi l-liġi tgħid illi f'dan il-każ, il-kumpanija "tista" tkun xjolta, iżda l-Qorti jidhrilha, anke fid-dawl tal-qbil li hemm bejn il-persuni kollha interessati f'din il-kumpanija, illi jkun opportun illi f'dan il-każ il-Qorti tordna x-xoljiment. Altrimenti, il-Qorti tkun qed tippermetti kumpanija staġnata tibqa' fuq ir-Reġistru meta in effetti hija tkun inoperattiva u f'ċirkostanzi fejn ma hux indikat illi l-partijiet interessati jistgħu jwasslu għal deċiżjoni illi jaqilgħu l-kumpanija minn dak l-istat.

Il-Qorti qieset ukoll illi kumpanija staġnata għal disa' snin huwa perjodu twil, u jirriżulta mill-atti wkoll illi tentattiv ta' żblokk bejn il-partijiet fil-mori ma wassalhomx sabiex qablu u sabu soluzzjoni. Una volta illi l-Qorti tqis illi għandha tiddikjara x-xolijment tal-kumpanija a bazi tal-provvediment relattiv (Art. 214(2)(a)(i)), il-Qorti tqis illi ma għandiex għalfejn tissindika l-provvediment l-ieħor.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti l-voti tal-liġi sabiex tkun tista' tgħaddi biex takkolja t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont tal-assjem ta' fatti u ċirkostanzi li jirriżultalha l-Qorti, din il-Qorti qegħda:

1. **Tordna** illi s-soċjetà **Said International Limited (C-2680)**[3] tiġi xjolta a bażi tal-artikolu 214(2)(a)(i) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'effett mill-24 ta' April 2023 *ai termini* tal-Artikolu 223 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Konsegwentement, **tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjetà **Said International Limited (C-2680)**[4] lir-**Riċevitur Uffiċjali** u tagħti lill-istralċjarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qagħda tal-kumpanija *de quo*, *ai termini* tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħmel rapport lill-Qorti *ai termini* tal-artiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jagħmel il-verifiki kollha neċessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpanija *de quo* u jekk ikun il-każ, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpanija **Said International Limited (C-2680)**[5] jista' għandha, u dan *ai termini* tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[3] In-numru ta' reġistrazzjoni (C2860) ġie korrett sabiex jinqara (C2680), b'digriet tal-24 ta' Mejju 2024.
[4] In-numru ta' reġistrazzjoni (C2860) ġie korrett sabiex jinqara (C2680), b'digriet tal-24 ta' Mejju 2024.
[5] In-numru ta' reġistrazzjoni (C2860) ġie korrett sabiex jinqara (C2680), b'digriet tal-24 ta' Mejju 2024.

d) Jagħmel u jiddefendi, safejn possibli, kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpanija *de quo*.

e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpanija jista' għandha.

f) Jieħu konjizzjoni tal-pożizzjonijiet rispettivi meħuda mis-soċji f'dawn l-istess proċeduri.

**3. Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

**4. Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jitħallsu mis-soċjetà intimata flimkien u *in solidum* mas-soċji tal-istess kumpanija hawnekk xjolta.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-<u>Riċevitur Uffiċjali</u> u lir-<u>Reġistratur tal-Kumpaniji</u>.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**